# HIGHLIGHTS

Fil-jiem li ġejjin intom se tirċievu kopja tal-programm tal-festa fid-djar tagħkom. Nitolbukom biex iżżommuh f'post prominenti ħalli jkun għad-dispożizzjoni tal-membri kollha tal-familja. Imma nixtieq infakkar xi mumenti importanti li se jkollna, ħalli tieħdu sehem skont kemm tistgħu u taraw xi ċelebrazzjonijiet li jolqtukom iktar minn oħrajn.

- Hemm il-play li fiha se jieħdu sehem l-atturi Mario Micallef u Silvio Axisa: 10/06
- Il-Programm Mużikali mtella' mill-Banda Mnarja: 16/06
- Vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda: 17/06
- Quddiesa għall-Barranin: 19/06
- Festa tat-tfal, imtellgħa mill-Kunsill Lokali: 19/06
- Quddiesa ta' Ringrazzjament tal-25 sena mill-ordinazzjoni ta' Dun Michael Said: 20/06
- Quddiesa speċjali għal dawk kollha li għandhom xi ministeru fil-parroċċa: 21/06
- Quddiesa għal dawk li għandhom xogħol ta' xandir tal-Vanġelu u jqassmu l-bullettin: 22/06
- Ċelebrazzjoni għall-familji li għalqu 25 u 50 sena miżżewġin u għal dawk li għammdu t-tfal fl-aħħar tnax-il xahar: 23/06
- L-ikla tradizzjonali: 23/06
- Għall-morda u l-anzjani: 24/06
- Festa taż-Żgħażagħ: 24/06
- Manifestazzjoni ta' qima lil San Pietru u San Pawl mit-tfal: 25/06
- Jum tal-membri tal-Caritas u l-Benefatturi: 26/06
- Jum dedikat għall-emigranti: 27/06



Narawkom!

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**ĦINIJIET ĠODDA TAL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** minn nhar it-Tnejn 5 ta' Ġunju, il-klassijiet kollha tal-primarja minn year 1 sa year 6 ser jibda jkollhom kull nhar ta' Tnejn u Ħamis. Il-logħob ikun bejn is-6:00 u s-6:45pm u l-lezzjoni ssir bejn is-6:45 u s-7:15pm. Infakkru lill-ġenituri sabiex iħeġġu lil uliedhom jattendu regolari.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** ser jiltaqa' nhar it-Tnejn 5 ta' Ġunju għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-4:30pm jibda r-Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm il-Quddiesa. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**IL-QRAR TAL-KANDIDATI TAL-GRIŻMA:** minħabba li hemm tieġ fil-knisja, nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju, il-qrar għall-kandidati tal-Griżma se jsir fil-5:30pm fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku.

**IS-SORIJIET TAL-LITTLE SISTERS OF THE POOR:** bagħtu javżaw li l-ġabra għall-opra tagħhom kienet ta' €2415.72. Huma jirringrazzjaw lil kull min għen u wiegħdu li jitolbu għall-parroċċa tagħna.

**Il-minerali rari**

Fil-pajjiż Afrikan tal-Kongo, hemm eluf ta' tfal jaħdmu fl-estrazzjoni tal-minerali rari, bħalma huma l-cobalt, u l-lithium li jintużaw fil-mobiles. Hemm ħafna Ċiniżi involuti li jixtru dawn il-prodotti. Jikkalkulaw li fil-Kongo hemm erbgħin elf tifel u tifla involuti f'dan ix-xogħol.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am